MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tad-9 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 1131/1998/1

Kawza fil-lista: 11

**Dingli Co. International Ltd. bhala agent f'Malta ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera The Performing Rights Society Limited ta' Londra Ingilterra**
**Vs**
**Eden Leisure Group Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu is-socjeta' attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi s-socjeta' konvenuta, permezz ta' l-istazzjon tar-radju taghha li jgib l-isem "Bay Radio", liema stazzjon jittrasmetti terrestrijalment minn Malta fuq il-frekwenza lilha allokata 89.7 Mhz FM, xandret jew gieghlet lil hadd

iehor ixandar f'Malta, diversi xogholijiet muzikali tutelati ossia *"copyright"* u debitament ikkontrollati mis-socjeta' attrici, a rigward ta' liema xogholijiet s-socjeta' attrici tgawdi d-dritt esklussiv ghall-kontroll f'Malta tal-att tax-xandir skond il-ligi;

U peress illi ghall-fuq imsemmi xandir is-socjeta' konvenuta ma kienitx applikat ghal, u wisq anqas ottjeniet, il-licenzja relattiva minghand is-socjeta' attrici skond kif kien mehtieg a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 31(1) tal-Att Dwar id-Drittijiet tal-Awtur (Kap 196 tal-Ligijiet ta' Malta);

U peress illi b'hekk is-socjeta' konvenuta giet li trasgrediet u ghadha qieghda tittrasgredixxi d-drittijiet tal-awtur fix-xogholijiet muzikali vestiti fis-socjeta' attrici;

U peress illi b'konsegwenza ta' din it-trasgressjoni da parti tas-socjeta' konvenuta tad-drittijiet tal-awtur fix-xogholijiet muzikali vestiti fis-socjeta' attrici l-istess socjeta' attrici soffriet danni konsiderevoli, senjatament in-nuqqas ta' hlas tar-*"Royalties"* lilha dovuti skond it-Tariffi taghha vigenti filwaqt il-perjodu kollu tat-trasgressjoni;

U peress illi nonostante illi s-socjeta' konvenuta kienet giet interpellata diversi drabi, anke gudizzjarjament, sabiex tottempora ruha mal-ligi billi tapplika u tottjeni l-hrug tal-licenzja relattiva, l-istess socjeta' konvenuta baqghet ghal kollox inadempjenti.

Tghid ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghaliex, ghar-ragunijiet premessi:-

1. M'ghandux jigi dikjarat u deciz minn dina l-Onorabbli Qorti illi s-socjeta' konvenuta ttrasgredixxiet d-drittijiet tal-awtur fix-xogholijiet muzikali vestiti fis-socjeta' attrici billi sa mill-1 ta' Jannar, 1996, u permezz ta' l-istazzjon tar-radju taghha li jgib l-isem "Bay Radio", liema stazzjon tar-radju jittrasmetti terrestrijalment minn Malta fuq il-frekwenza ta' 89.7 Mhz FM, xandret jew gieghlet lil hadd iehor ixandar f'Malta, u ghadha qieghda xxandar jew iggieghel lil hadd iehor ixandar f'Malta, dawn l-istess

xogholijiet muzikali a rigward ta’ liema xogholijiet s-socjeta’ attrici tgawdi d-dritt esklussiv ghall-kontroll f’Malta tal-att tax-xandir skond il-ligi;

2. M’ghandiex dina l-Onorabbli Qorti tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta’ attrici bhala konsegwenza ta’ din it-trasgressjoni da parti tas-socjeta’ konvenuta tad-drittijiet tal-awtur fix-xogholijiet muzikali vestiti fis-socjeta’ attrici;

3. M’ghandiex is-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata minn dina l-Onorabbli Qorti sabiex thallas lis-socjeta’ attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata in linea ta’ danni sofferti mis-socjeta’ attrici bhala konsegwenza ta’ din it-trasgressjoni da parti tas-socjeta’ konvenuta tad-drittijiet tal-awtur fix-xogholijiet muzikali vestiti fis-socjeta’ attrici; u

4. M’ghandiex is-socjeta’ konvenuta tigi inibita milli xxandar jew iggieghel lill-hadd iehor ixandar dawk ix-xogholijiet kollha tutelati ossia *“copyright”* u kkontrollati mis-socjeta’ attrici u dana sakemm ma tkunx applikat ghal u ottjeniet l-hrug tal-licenzja relattiva minghand is-socjeta’ attrici, u dan a bazi u ghad-disposizzjonijiet tal-Att Dwar id-Drittijiet tal-Awtur (Kap 196 tal-Ligijiet ta’ Malta) taht il-pieni komminati mill-ligi ghall-hatjin ta’ disprezz lejn l-awtorita’ tal-Qorti ghal kull eventwali infrazzjoni tal-ordni li jigi moghti fuq dina d-domanda;

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-Ittra Ufficjali tat-12 ta’ Jannar, 1998, kontra is-socjeta’ konvenuta li hija ngjunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta li biha eccepixxiet:

1. Illi in linea preliminari is-socjeta’ attrici ghandha tipprova il-mandat taghha u li l-persuna li iffirmat il-mandat hija awtorizzata biex taghmel dan skond l-istatut tal-istess Performing Rights Society Limited fin-nuqqas ta’ liema prova is-socjeta’ konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;
2. Illi, ukoll in linea preliminari, is-socjeta’ attrici ghandha tipprova l-interess giuridiku taghha sabiex tagixxi

u dana billi tipproduci kopji awtentici tad-‘deeds of assignment’ u li l-istess kienu ghadhom fis-sehh fil-mument illi giet intavolata l-azzjoni;

3. Illi ghandu jigi pruvat mis-socjeta’ attrici illi fil-mument li giet intavolata l-azzjoni odjerna ic-cessjonant kellu d-drittijiet li s-socjeta’ attrici qeghda tesercita f’ismu;

4. Illi in kwantu ghall-merti t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda stante illi s-socjeta’ attrici mhux minnu illi soffriet xi forma ta’ danni;

5. Illi kwantu ghat-tielet u r-raba’ talba u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost is-socjeta’ attrici ghandha, b’mod esawrjenti tindika liema xogholijiet huma dawk allegatament kontrollati minnha u inoltre ghandha ggib il-prova tal-awtorita’ illi hija tallega illi ghandha u dana stante illi is-socjeta’ attrici ma tistax u mghandha ebda dritt tippretendi li s-socjeta’ konvenuta tigi inibita minghajr indikazzjoni ben preciza fuq liema xogholijiet hija qed tigi hekk inibita.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi bil-gurament;
Ikkunsidrat;

Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Is-socjeta’ attrici The Performing Right Society [PRS] hija socjeta’ li l-membri taghha jgawdu drittijiet tal-awtur fuq xogholijiet muzikali. Din is-socjeta’ tahdem billi l-membri taghha jcedulha d-drittijiet taghhom ta’ l-awtur, kif jirrizulta mid-diversi Deeds of Assigment esbiti, u hi minn naha taghha tiehu hsieb li tohrog licenzji favur min ikun irid jaghmel xi atti, dwar ix-xogholijiet muzikali, kontrollati bid-drittijiet tal-attur; u tigbor id-drittijiet relattivi biex eventwalment tqassamhom fost il-membri taghha.

Jirrizulta wkoll provat li din is-socjeta' attrici hatret bhala mandatarja u agent taghha f' Malta lis-socjeta' Dingli Co. International Ltd. skond prokura datata 3 ta' Settembru 1986[1] u li ghadha fis-sehh, stante li ma gietx revokata, anzi issib konfrot fl-affidavit ta' Nicholas Kounouplas.

Fl-affidavit tieghu[2] dan spjega li The Performing Right Society Limited hija socjeta' inkorporata that il-Companies Acts 1908 u 1913 tar-Renju Unit, u dan mis-sena 1914. Hu jokkupa l-kariga ta' Head of Litigation ma' din is-socjeta'. Gie ukol kkonfermat li l-persuni li ffirmaw ghan-nom ta' din is-socjeta' estera kienu debitament awtorizzati skond l-istatut tal-istess socjeta'. Huwa wkoll, wara li spjega li c-cessjoni bil-miktub moghtija lis-socjeta' hija ta' natura generali u tkopri anke xogholijiet futuri, kkonferma d-Deeds of Assigments esebiti u li dawn ghadhom fis-sehh u li x-xogholijiet indikati fl-affidavit tieghu u l-awturi taghhom wkoll elenkati kienu membri tas-socjeta' fiz-zmien tal-prezentata tal-att tac-citazzjoni.

Illi ghalhekk l-ewwel tlett eccezzjonijiet huma nsostenibbli. Fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha s-socjeta' konvenuta ssostni li dawn it-tlett eccezzjonijiet taghha gew sorvolati fil-mori tal-kawza "meta s-socjeta' attrici kkonformat ruhha mal-ligijiet tal-pajjiz wara li nhareg avviz legali appositu."[3] u ghalhek issostni li m' ghandhiex tbati l-ispejjez taghhom. Il-Qorti tosserva li, apparti mill-fatt li s-socjeta' konvenuta ma indikatx ghall-liema avviz legali qed tirreferi, mill-provi jirrizulta li fir-rigward ta' dawn it-tlett eccezzjonijiet, il-posizzjoni tas-socjeta' attrici kienet regolari qabel ma giet istitwita l-kawza, u fil-mori tal-kawza semplicement ipproduciet il-prova necessarja. Ghalhekk filwaqt li mhux minnu li l-attrici kkonformat ruhha mal-ligi fil-mori tal-kawza, ghandu jirrizulta car li l-ispejjez f' dan ir-rigward ghandhom jigu sopportati mill-istess socjeta' konvenuta.

Illi fil-meritu jigi osservat li fir-rigward tal-istazzjon tar-radju Bay Radio, illum gestit mis-socjeta' konvenuta, jirrizulta fit-12 ta' Frar 1993 kien sar ftehim bil-miktub bejn il-

[1] Dok.A – Fols.6-8
[2] Fol.513 *et seq.*
[3] Fol.619

Performing Rights Society u s-socjeta’ Demayer Limited, l-aventi kawza tas-socjeta’ konvenuta, liema ftehim kellu durata sal-31 ta’ Dicembru 1995. F’ dan il-ftehim gie stabbilit metodu ta’ royalty caluculation mill-1 ta’ Jannar 1996 l-quddiem, bazat fuq percentagg tat-total broadcasting revenue tas-socjeta’ licenzjata, u gie konvenut ukoll li dan hu “an equitable and acceptable method of royalty calculation.”[4] Fit-tieni skeda ta’ dan il-ftehim hemm indikati rati fissi ta’ royalties dovuti tul il-perijodu tal-istess kuntratt, u li thallsu kollha. Dan jinsab konfermat minn John Dingli fl-affidavit tieghu fejn ukoll ghamel referenza ghad-dokument esebit minnu indikanti t-tariffa stabbilita mill-PRS fir-rigward ta’ xandir ta’ xogholijiet muzikali.[5]

Illi l-imsemmi John Dingli kkonferma illi wara l-egheluq tal-kuntratt precitat fil-31 ta’ Dicembru 1995 is-socjeta’ konvenuta effettwat pagament fl-ammont ta’ Lm1,300 fil-11 ta’ Dicembru 1996 ghas-sena 1996, u pagament iehor ta’ Lm1,350 fit-23 ta’ Gunju 1998 ghas-sena 1997, b’ total ta’ Lm2,650. Dawn il-pagamenti saru lis-socjeta’ attrici fil-kwalita’ taghha premessa.
L-istess John Dingli jghid li, nonostante li wara l-iskadenza tal-imsemmi ftehim ma ntlahaq ebda ftehim iehor, is-socjeta’ konvenuta xorta baqghet xxandar xogholijiet muzikali tutelati mill-PRS minghajr awtorizzazzjoni tal-istess; u fid-dokument F[6] anness mal-istess affidavit, John Dingli indika x-xogholijiet muzikali tutelati mill-PRS li ndaqqu mill-istazzjoni Bay Radio minghajr debita licenzja u allura in trasgressjoni tal-ligi. Dan il-fatt gie konstatat minn John Dingli personalment, filwaqt li l-imsemmi Nicholas Kounouplas fl-affidavit tieghu kkonferma li dawn ix-xogholijiet kienu tutelati mill-PRS.

Dan premess u kunsidrat, jigi osservat li mill-provi jirrizulta ampjament li s-socjeta’ konvenuta tramite l-istazzjoni tar-radju taghha bl-isem Bay Radio xandret f’ Malta diversi xogholijiet muzikali vestiti fis-socjeta’ attrici estera The Performing Right Society Limited, kif fuq indikat u dan

[4] Fol.25
[5] Doc.C fol.38
[6] Fol.41 - 44

minghajr l-licenzja mehtiega mill-istess socjeta. Dan l-operat tas-socjeta’ konvenuta, li jirrizulta provat mill-affidavit u xhieda ta’ John Dingli u l-affidavit ta’ Nicholas Kounouplas fuq indikat, huwa in vjolazzjoni tal-Artikolu 13[1] b’ referenza ghall-Artikolu 3 tal-Kap.169. Barra minnhekk, jinghad li l-fatt li x-xandir huwa att li l-ghemil tieghu huwa kontrollat minn drittijiet ta’ l-awtur johrog car mill-Art.7[1] tal-istess Kap.

Minn naha taghha s-socjeta’ konvenuta, filwaqt li ma cahditx il-fatti kif allegati minn naha attrici, ssostni li wara d-data tal-iskadenza tal-ftehim precitat, fil-31 ta’ Dicembru 1995 sad-9 ta’ Gunju 1999 “ma kien jezisti ebda bazi fuq xiex is-socjeta’ attrici setghet titlob il-hlas taghha. Illi s-socjeta’ konvenuta qatt ma rrifjutat li teffettwa hlas lis-socjeta’ attrici izda hija semplicement hasset li l-ammonti li kienu qed jigu pretizi kienu esorbitanti u ma jirrispekkjawx ir-realta’ tal-hajja f’ dak li ghandu x’ jaqsam max-Xandir f’ Malta.”[7]

In propositu l-Qorti tosserva li r-raguni moghtija mill-konvenuta certament ma jiggustifikax il-vjolazzjoni kontinwa tal-ligi da parti taghha fil-konfront tal-attrici. Kif korrettament osserva l-attur fin-nota tieghu, jekk is-socjeta’ konvenuta kellha xi ilment dwar il-kondizzjonijiet ghall-ghoti ta’ licenzja, hija kellha l-fakolta’ li tinvoka l-applikazzjoni tal-Artikolu 15 u tressaq l-ilmenti taghha quddiem il-Bord dwar id-Drittijiet tal-Awtur kompost bis-setgha tal-artikolu 17 tal-istess Kap. appositament ghal meta jkun hemm nuqqas ta’ ftehim dwar l-kondizzjonijiet ta’ ghoti ta’ licenzja. Imma certament ma setghetx il-konvenuta tinjora l-ligi u konvenjentement, minghajr ma thallas xejn, titrasmetti minghajr licenzja in vjolazzjoni tal-ligi.

Rigward is-sottomissjonijiet tas-socjeta’konvenuta li ma tressqet ebda prova dwar “min huma l-membri taghha [PRS] li hija ghandha d-dmir u d-dritt li tipproteggi l-interessi taghhom” kif ukoll dwar min huma l-awturi tax-xogholijiet taghhom, il-Qorti taghmel referenza ghall-

[7] Fol.620

affidavit tal-imsemmi Nicholas Kounouplas fejn dan qal: "I can confirm that Deeds of Assignment from composers of authors or publishers set out below are held by PRS."[8] u ta lista tal-ismijiet u xogholijiet muzikali li hi identika ghal dik prezentata minn John Dingli, u cioe' id-dokument F fuq indikat. Ukoll taghmel referenza ghal kopja legali tad-diversi Deeds of Assignemt relattivi, esebiti mis-socjeta' attrici.

Inoltre, jigi osservat li ghandu jirrizulta car mix-xhieda tal-istess John Dingli li d-data in calce ghad-dokument F hija d-data meta gie redatt dak id-dokument u mhux meta saru t-trasgressjonijiet. Di fatti fl-affidavit tieghu John Dingli jispjega illi wara li nduna b' dawn u vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-awtur is-socjeta' attrici pprezentat kontra s-socjeta' konvenuta ittra ufficjali[9] datata 12 ta' Jannar 1998 u kien sussegwentement, in vista tal-inadempjenza tas-socjeta' konvenuta, li gew istitwiti l-proceduri odjerni.

Illi rigward it-talba attrici ghall-hlas tad-danni, jigi osservat li kif jirrizulta mix-xhieda prodotti mill-attur, id-danni f' dan il-kaz jikkonsistu fin-nuqqas ta' hlas ta' royalties dovuti lis-socjeta' attrici skond it-tariffa taghha kif indikata fid-dokument C[10] fuq indikat, u dan ghall-perijodu li jestendi mill-1 ta' Jannar 1996 sal-25 ta' Mejju 1998 id-data li fiha giet prezentata l-kawza. Ghal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni, is-socejta' attrici fin-nota taghha spejegat dettaljatament kif wasslet ghall-figura ta' Lm7,784 li minnha ghandha titnaqqas is-somma ta' Lm2,650 gja mhallsa mill-konvenuta, b' hekk ghad fadal bilanc ta' Lm5,134.[11]

Illi l-konvenuti minn naha taghhom isostnu li r-rati u l-ammonti fissati mill-Performing Rights society huma arbitrarji u li l-ammonti huma ezorbitanti. In propositu jigi osservat li, apparti mill-fatt li s-socjeta' konvenuta ma gabet ebda prova in sostenn ta' din it-tesi taghha, jibqa' lampanti l-fatt li hija naqset li tusufruwixxi mid-disposizzjoni tal-Artikolu 15 u tressaq l-ilmenti taghha

---

[8] Fol.520
[9] Dok.G – Fol.45
[10] liema rati gew ukoll konfermati mill-imsemmi Nicholas Kounouplas fl-affidavit tieghu.
[11] Fol.591

quddiem il-Bord kompetenti, izda minflok, ghazlet li tinjora kollox u kompliet ixxandar bi ksur tal-ligi. F’ dan ir-rigward il-Qorti hi tal-fehema li, fin-nuqqas ta’ provi li jsostnu t-tesi tal-konvenuta u tenut kont tan-nuqqas taghha li tressaq l-ilmenti taghha quddiem il-Bord kompetenti, ghandha taccetta l-metodu ta’ likwidazzjoni tad-danni adoperat mis-socjeta’ attrici u tillikwida d-danni kif fuq indikat fl-ammont.

In fine, rigward l-ahhar talba attrici, hija opportuna l-osservazzjoni maghmula mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kummercjali fil-kawza App.K. L-Avukat Dr.Kevin Dingli noe et vs Henry Hunt – 22 Jannar 1992 fis-sens li s-socjeta’ attrici ghandha l-jedd li titlob li s-socjeta’ konvenuta tigi inibita milli tkompli tikser il-ligi fil-konfront taghha. Di fatti dik l-Onorabbli Qorti kienet inibiet lill-konvenut milli jkompli bl-agir illegali tieghu.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, previa rigett tal-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta’ konvenuta, tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti ghax-xogholijiet indikati fid-dokument F a fols.41 sa 44 [liema dokument ghandu jifforma parti integrali minn dan il-gudizzju u dan ghall-perijodu li jesteni mill-1 ta’ Jannar 1996 sal-25 ta’ Mejju 1998; tillikwida d-danni fl-ammont ta’ Lm7,784 ridott ghal Lm5,134 stante pagamenti li sar, u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hamest elef mija erba u tletin lira maltin [Lm5,134]; u inoltre tordna lill-istess socjeta’ konvenuta sabiex minnufih tieqaf milli tkompli xxandar, f’ Malta jew igieghel lil haddiehor jxandar f’ Malta dawk ix-xogholijiet muzikali, fuq indikati, tutelati u kkontrollati mis-socjeta’ attrici u li huma indikati fl-imsemmi dokument F; u dana sakemm ma tkunx applikat ghal u ottjeniet il-hrug tal-licenzja relattiva minghand l-attur nomine skond id-dispozizzjonijiet tal-Kap.196 – taht il-pieni komminati mill-ligi ghall-hatjin ta’ disprezz lejn l-awtorita’ tal-Qorti ghal kull eventwali infrazzjoni tal-ordni li jigi moghti fuq dina d-domanda.

Bl-ispejjez kollha a kariku tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------